MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 526/2005

**Anthony Sell**

**Vs.**

**John Fitz**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas Lm405 danni wara incident ta' traffiku kif ahjar spjegat fl-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut li qal li l-incident gara tort tal-attur u li minghajr pregudizzju d-danni pretizi huma kontestati.

Illi fis-seduta tal-10 ta' April 2006 l-konvenut irtira l-kontestazzjoni dwar l-ammont pretiz.

Il-warden xehdet li wara l-incident hi tkelmet mal-konvenut li qal li ma riedx jaghti kummenti.

L-attur qal li dak in-nhar kien sejjer fi Triq FS Caruana, kien hemm il-vettura FGY 020 quddiemu. Hu waqaf u f'hin minnhom il-konvenut tela lura bir-reverse fuqu. L-attur qal li l-konvenut lahaq irriversja tul ta' karozza qabel ma dahal fih.

Fir-road accident report inkiteb li l-attur qal : "kont niezel waqaft u l-vettura FGY020 irrisversja fuqna". Dwar dak x'qal il-konvenut inkiteb hekk : "no comments according to sketch".

Ryan Sell, tifel tal-attur ikkonferma li l-konvenut rriversja fuq l-attur. Fil-kontro-ezami Sell qal li l-konvenut irriversja anke b'mod li qasam it-triq principali minn fejn kienu ghaddejjin il-karozzi. Ryan Sell qal ukoll li l-konvenut ammetta t-tort.

Ivan Formosa li kien fil-karozza tal-attur fuq wara qal li l-konvenut beda jirriversja fuq l-attur. Il-konvenut kien ammetta t-tort. Ivan Formosa qal li l-konvenut ma qasamx it-triq principali meta rriversja.

John Fitz xehed u qal li kien waqaf fuq is-stop sign u l-attur dahal go fih minn wara. Fitz qal li meta gie il-warden hu qal "qed tara b'ghajnejk kif qieghdin, ma tantx hemm x'nghidlek". Il-konvenut jghid li ma kienx irriversja. Fil-kontro ezami l-konvenut qal li l-warden kien saqsa ghal versjoni tieghu tal-incident izda kull ma qal huwa "qed tara b'ghajnejk x'gara". Mistoqsi jekk hmistax wara l-incident mar mal-attur biex jixtru l-parts l-konvenut qal li ma jiftakarx. Il-konvenut qal li ma kellu ebda hsara b'risultat tal-incident.

Ikkunsidra li hemm tlett persuni  li kollha jikkonfermaw li l-konvenut irriversja fuq l-attur; li l-konvenut naqas li jaghti l-versjoni tieghu ezatt wara l-incident lil warden u li l-konvenut ma kienx konvincenti fix-xhieda tieghu. Per ezempju mistoqsi jekk marx mal-attur biex jixtri l-parts l-konvenut jghid li ma jiftakarx. Illi jekk l-attur dahal fil-

konvenut fuq wara waqt li l-konvenut kien wieqaf wiehed kien jistenna li l-konvenut jaghti din il-versjoni lil warden u mhux jiehu l-attitudini li ma jridx jikkumenta.

Ghalhekk l-versjoni tal-attur dwar kif gara l-incident huwa iktar verosimili. Ghalhekk jichad ir-risposta tal-konvenut u jilqa t-talba tal-attur u jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur s-somma ta’ Lm405. Bl-imghax mid-29 ta’ Novembru 2005 u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------